**REGJUN XLOKK**

VALLETTA, BIRGU, ISLA, BORMLA, HAZ-ZABBAR, ZEJTUN, FGURA, FLORIANA, KALKARA, MARSA, MARSASKALA, MARSAXLOKK, PAOLA, HAL-TARXIEN, XGHAJRA.

# MINUTI

**Laqgħa tar-Regjun Xlokk**

**Laqgħa Nru. 28/2019 tat-Tielet Amministrazzjoni**

Data: 20 ta' Ġunju 2019

Ħin: 17.30

Post: Ufficcju Amministrattivi tar-Regjun Xlokk, f' 97 Triq Santa Marija, Tarxien.

| | | | |
|---|---|---|---|
| **Chev Paul Farrugia** | President u Sindku | Reġjun Xlokk/Kunsill Lokali Tarxien | PREŻENTI |
| **Sur Lawrence Attard** | Kunsillier | Kunsill Lokali Birgu | PREŻENTI |
| **Sra. Alison Zerafa Civelli** | Sindku | Kunsill Lokali Bormla | PREŻENTI |
| **Sur Vincent Borg** | Viċi Sindku | Kunsill Lokali Floriana | ASSENTI |
| **Sur Pierre Dalli** | Sindku | Kunsill Lokali Fgura | PREŻENTI |
| **Sur Clive Pulis** | Viċi Sindku | Kunsill Lokali Isla | PREŻENTI |
| **Sra Speranza Chircop** | Sindku | Kunsill Lokali Kalkara | PREŻENTI |
| **Sur Francis Debono** | Sindku | Kunsill Lokali Marsa | ASSENTI |
| **Sur Horace Gauci** | Sindku | Kunsill Lokali M'xlokk | ASSENTI |
| **Sur Charlot Mifsud** | Kunsillier | Kunsill Lokali M'skala | PREŻENTI |
| **Sur Dominic Grima** | Sindku | Kunsill Lokali Paola | PREŻENTI |
| **Sur Vince Farrugia** | Kunsillier | Kunsill Lokali Valletta | ASSENTI |
| **Sur Anthony Valvo** | Sindku | Kunsill Lokali Xgħajra | ASSENTI |
| **Sur Marc Vella Bonnici** | Sindku | Kunsill Lokali Zabbar | ASSENTI |
| **Sinj. M. Doris Abela** | Sindku | Kunsill lokali Zejtun | ASSENTI |
| **Sna Antonella Galea** | Segretarju Eżekuttiv | | |

## AĠENDA

28.1 Qari tal-ittri ta' apoloġiji;

28.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti;

28.3 Komunikazzjoni mill-President;

28.4 Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tar-Rappreżentanti;

28.5 Rapporti;

28.6 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti Nru. 94/2019;

28.7 Mozzjonijiet;

28.8 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss.

**TALBA**

**Il-President qal it-talba u ppresieda l-laqgħa.**

## 28.1 Qari tal-Ittri ta' Apoloġijia

Ittri ta' Apoloġija

i. Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat lill-Kumitat Reġjonali li ma kienx hemm ittri ta' aploġija għal din il-laqgħa.

## 28.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti

Iffirmar Minuti

i. Peress li l-Minuti numru 27/2019 kienu ġew iċċirkolati minn qabel, il-President staqsa jekk jistgħux jiġu kkunsidrati bħala moqrija u talab l-approvazzjoni tal-Kumitat.

Il-Kumitat approva l-Minuti 27/2019 liema Minuti ġew iffirmati mill-President u mis-Segretarju Eżekuttiv.

## 28.3 Komunikazzjoni mill-President

**i.** Il-President Paul Farrugia nforma lis-Sinjuri membri li l-każ tal-Ex Segretajru Eżekuttiv Joan Mangion fil-Qorti kien reġa ġie differiet għaliex il-Maġistrat kien leħaq Imħallef u kien għadu ma ġiex appuntat ħaddieħor minfloku. — Każ Ex Seg. Eżek. Joan Mangion

**ii.** Il-President nforma lill-Kumitat li l-LESA kienet għada mhix qed tħallas ir-*running costs* imma kienet qed tirrifondi biss is-salarji tal-impjegati. Żied jgħid li bħalissa kienu għadhom qed isiru xi verifiki min-naħa tal-LESA u aktarx li kien ser jiġi kkummissjonat Audit ieħor. — LESA

**iii.** Il-President informa lis-Sinjuri Membri li l-ħaddiema tal-RSSL assenjati mar-Reġjun Xlokk kienu ser imorru l-Kalkara u Fgura. Il-President talab lill-membri sabiex min jagħmel użu mis-servizz ta' dawn il-ħaddiema jibgħatu lil dan l-uffiċċju kemm ir-rassenja kif ukoll xi ritratti tax-xogħol magħmul għaliex l-Aġenzija kienet qed titlobhom. — Ħaddiema RSSL assenjati mar-Reġjun Xlokk

**iv.** Il-President qassam dokument fejn fih kien hemm tabella u x'informazzjoni oħra fejn talab lill-Kunsilli Lokali sabiex jindikaw kif inhu l-ġbir tal-skart kollu bħalissa kif ukoll settgħu jissottomettu anke xi proposti. Is-Sur Domnic Grima Sindku ta' Paola ssuġerixxa li f'dan ir-rigward ried ikun hemm aktar infurzar. — Skart

**v.** Il-President Paul Farrugia nforma lis-Sinjuri Membri li dwar l-art fejn kien qed ikun propost li kellha tinbena r-reachout centre konna rcevejna mingħand Land's Authority li s-sit in kwistjoni kienet għaddiet mingħand il-Kunsill Lokali għal għand ir-Reġjun Xlokk. Żied jispjega li fil-mument pero erġajna ninsabu weqfin għaliex il-Lands Authority ma kenux jafu li l-liġi tal-Kunsilli Lokali u tar-Reġjuni kienet l-istess. U f'dan l-istadju kienu qed jistennew xi forma ta' konferma mingħand id-DLG. Għaldaqstant spjega l-President Paul Farrugia li hu kien ikkuntatja lid-DLG sabiex jibgħatu konferma. Sadanittant minn naħa tad-DLG kienu bgħatu Ċirkolari tal-1999 fejn qalu li l-ligi tal-Kunsilli Reġjonali hija l-istess liġi bħal dik tal-Kunsilli Lokali. Il-President qal li din iċ-Ċirkolari ġiet mgħoddija lill-Lands Authority. — Reachout Centre

**v.i** Żied jgħid is-Sur Farrugia li anke tkellem mas-Segretarju Parlamentari

dwar possibilta ta' fondi mill-Unjoni Ewropea. Qal li tkellem ukoll mal-Onor. Ministru Konrad Mizzi dwar il-possibilita' ta' għajnuna min-naħa ta' Projects Malta.

**vi.** Il-President informa lill-Membri tal-Kunsill Reġjonali Xlokk li wara li kienu saru l-interviews għas-sejħa għall-vakanza ta' Segretarju Eżekuttiv mar-Reġjun Xlokk, u kienet ġiet magħżula s-Sna Antonella Galea biex timla dan il-post vakanti, xorta waħda kien hemm ċerta dewmien żejjed min-naħa ta' DLG. Żied jgħid il-President tant li kellna nkelmu l-Onor. Ministru sabiex naraw f'hix konna wasalna. Qal li wara dan kienu waslu d-dokumenti meħtieġa u s-Sna Antonella Galea mill-10 ta' Ġunju 2019 kienet ġiet ikkonfermata maħtura bħala Segretarju Eżekuttiv mar-Reġjun Xlokk. Vakanza Segretarju Eżekuttiv

**vii.** Il-President informa lill-Kumitat li fir-rigward tal-inizjattiva finanzjarja ta' €500,000 li kellha tinqasam bejn il-ħames Reġjuni dwar l-għoti mill-ġdid ta' tarmak, kienu temmew ix-xogħol u ppreżentaw id-dokumenti kollha l-Kunsill Lokali M'XLOKK u b'hekk kienu ser jingħataw r-rifużjoni. Il-President ħeġġeġ lill-Kunsilli ta' BIRGU u BORMLA sabiex jlestu x-xogħol previst u jaraw li dan ikun konkluż malajr kemm jista jkun għaliex id-DLG kienu qed jiġru warajna sabiex din l-iskema tkun iffinalizzata minnufih. Inizjattiva Finanzjarja – Għoti ta' Tarmak

**viii.** Il-President Paul Farrugia informa lis-Sinjuri Membri li Gvern Ċentrali kien ser jwaqqaf Bord sabiex jevalwa li kull Kunsill Lokali jkun qed iwettaq x-xogħol imwiegħed. Għal dan il-għan żied jgħid il-President Paul Farrugia li anke bħala Reġjun kellu d-dmir li jiffolowja x-xogħol ta' kull Kunsill Lokali membru fir-Reġjun xlokk u jassisti u jagħti daqqa t'id skond il-bżonn. Bord – Gvern Ċentrali

## 28.4 Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tar-Rappreżentanti;

Ma kienx hemm x'jiġi rrapurtat.

## 28.5 Rapporti

Ma kienx hemm rapporti biex jiġu mgħoddija fil-laqgħa

## 28.6 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti Nru. 94/2019;

L-Iskeda tal-Pagamenti 94/2019 ġiet approvata u ġiet iffirmata wkoll minn żewġ membri tal-Kumitat, mill-President u mis-Segretarju Eżekuttiv.

Il-President informa lill-Kumitat li kienu għadhom qed jinħarġu u jintbgħatu xi pagamenti nkluż l-10% tal-LES dovuti lill-Kunsilli Lokali. Il-Kumitat preżenti unanimament approva li jinħarġu u jintbgħatu dawn il-pagamenti speċjalment l-10% dovuti lill-Kunsilli Lokali.

## 28.7 Mozzjonijiet

**i.** Ma kienx hemm Mozzjonijiet imressqa sa mhux iktar tard minn 6 ijiem mid-data ta' din il-laqgħa.

**28.8 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss.**

i. Il-laqgħa ntemmet fi 18:30hrs.

**ii.** Laqgħa oħra kienet ser tinżamm nhar il-Ħamis 25 ta' Lulju 2019 fil-5:30pm

*(Iffirmata)*

*Kav. Paul Farrugia*
*President*

*(Iffirmata)*

*Antonella Galea*
*Segretarju Eżekuttiv*